V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(KażM.10651 – FAERCH / PACCOR)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 269/08)

1. Fis-6 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Faerch A/S ("Faerch", id-Danimarka), sussidjarja ta' A.P. Møller Holding A/S ("APMH", id-Danimarka),

— PACCOR Holdings GmbH ("Paccor", il-Ġermanja), ikkontrollata indirettament minn Goldberg Lindsay & Co. LLC ("Lindsay Goldberg", l-Istati Uniti tal-Amerika).

Faerch se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Paccor.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Faerch hija manifattur u distributur ta' imballaġġ tal-plastik riġidu, prinċipalment għall-industrija tal-ikel, kif ukoll riċiklatur u produttur integrat tal-PET,

— Paccor huwa manifattur u distributur ta' imballaġġ tal-plastik riġidu, prinċipalment għall-industrija tal-ikel iżda wkoll għall-għażla ta' applikazzjonijiet mhux tal-ikel.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' tkun koperta mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha tiġi speċifikata:

M.10651 – FAERCH / PACCOR

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË